**Kunsill
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2017
(OR. en)**

**9304/17**

**ECOFIN 407
UEM 156
SOC 387
EMPL 301
COMPET 404
ENV 503
EDUC 231
RECH 187
ENER 226
JAI 486**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 9248/17 ECOFIN 378 UEM 127 SOC 356 EMPL 271 COMPET 373 ENV 473 EDUC 201 RECH 157 ENER 197 JAI 448 - COM(2017) 515 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu għall-2017 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif riveduta u maqbula minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 515 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu għall-2017**

**u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu għall-2017**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika,[1] u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Lussemburgu ma ġiex identifikat bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro")[3].

(2) Bħala Stat Membru li għandu bħala munita l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Lussemburgu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (2) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għal-Lussemburgu ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamel il-Lussemburgu biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamel il-Lussemburgu biex jilħaq il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020.

(4) Fit-28 ta' April 2017, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017. Biex jittieħed kont tar-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

---

[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[3] ĠU L 92, 24.3.2017, p. 1.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[4] fejn ikun meħtieġ li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif hija tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Bħalissa l-Lussemburgu qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern qed jippjana tnaqqis fis-surplus nominali minn 1,6 % tal-PDG fl-2016 għal 0,2 % tal-PDG fl-2017, segwit minn żieda kostanti minn hemm 'il quddiem, sakemm jintlaħaq surplus ta' 1,2 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien — deficit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — għadu qed jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-PDG mistenni li jibqa' ferm taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-previżjonijiet baġitarji huwa plawżibbli, bl-eċċezzjoni tal-2018, fejn hu sinifikattivament favorevoli, u l-2021, fejn hu sinifikattivament kawt. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jirreġistra surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 u 0,1 % tal-PDG fl-2018, li b'mod ġenerali jikkonforma mal-Programm ta' Stabbiltà u hu ogħla mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hu previst li l-Lussemburgu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018.

[4] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(7) Jibqa' tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali fit-tul minħabba ż-żieda prevista fl-ispejjeż marbutin mat-tixjiħ. Skont ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2012, kull ħames snin mill-adozzjoni tar-riforma 'l quddiem, jenħtieġ li jsir eżerċizzju ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-Gvern aċċellera l-ewwel evalwazzjoni għall-2016. Għalkemm ir-rieżami kkonkluda li s-sistema tal-pensjonijiet għadha qiegħda tirreġistra bilanċ pożittiv rikorrenti li ppermetta li jiġu akkumulati riżervi mdaqqsa tal-pensjonijiet, is-sistema tal-pensjonijiet hija mistennija tirreġistra bilanċ operazzjonali negattiv mill-2023 f'termini ta' nfiq għal benefiċċji b'rabta mal-kontribuzzjonijiet. Skont il-previżjonijiet demografiċi riveduti li saru mill-Eurostat reċentement, iż-żieda prevista fil-popolazzjoni ser tkun inqas sinifikanti milli kien mistenni preċedentement. Dan ser ikollu impatt fuq il-proporzjon ta' dipendenza, li ser jiżdied b'mod iktar mgħaġġel milli kien mistenni preċedentement u jwassal għal żieda ogħla prevista fl-infiq pubbliku għall-pensjonijiet. Ma sar l-ebda progress fil-konnessjoni bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor, kif kien ġie rrakkomandat preċedentement mill-Kunsill fl-2016. Il-Lussemburgu huwa partikolari peress li huwa l-uniku Stat Membru fejn ma kien hemm l-ebda żieda fl-età statutorja tal-irtirar għall-perijodu bejn l-2013 u l-2060. Il-Lussemburgu għandu l-ogħla żieda prevista fl-Unjoni b'rabta mal-proporzjon tal-popolazzjoni dipendenti sal-2060. Il-Lussemburgu ma tantx għamel progress b'rabta mal-irtirar bikri. F'Lulju 2015, ġie ppreżentat abbozz ta' liġi li timmodifika l-iskemi tal-irtirar bikri lill-Parlament, fejn għadu pendenti. B'mod ġenerali, l-irtirar bikri għadu mifrux u l-inċentivi biex wieħed jibqa' jaħdem aktar fit-tul għadhom limitati. Wara r-reviżjoni tal-prospettivi demografiċi, il-Lussemburgu qed jiffaċċa aktar riskji relatati mal-infiq għall-kura fit-tul. Dan diġà qiegħed fost l-ogħla livelli fost l-Istati Membri bħala sehem tal-PDG u ġie previst li ser jiżdied minn 1,5 % għal 3,2 % tal-PDG sal-2060 (iktar mid-doppju tal-livell attwali). Bħalissa l-Parlament qed jiddiskuti proġett ta' riforma tal-assigurazzjoni tal-kura fit-tul.

(8) L-awtoritajiet tal-Lussemburgu adottaw riforma komprensiva tat-taxxa, li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2017. Ir-riforma introduċiet bidliet l-aktar fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, kemm għall-individwi kif ukoll għall-korporazzjonijiet, li għandhom l-għan li jnaqqsu b'mod gradwali r-rata tat-taxxa korporattiva (bil-għan li tiżdied il-kompetittività) u li jżidu l-progressività tat-taxxa fuq id-dħul personali (bil-għan li s-sistema tkun iktar ġusta). Fl-istess waqt, iż-żieda f'ċertu nfiq tat-taxxa toħloq riskju li l-bażi taxxabbli tiġi ristretta. Biex titjieb il-prevedibbiltà tad-dħul mit-taxxa, hemm lok li l-bażi taxxabbli tkompli titwessa'. Dan jista' jinkiseb b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni tat-taxxa fuq id-djar li bħalissa hi baxxa u billi jsir aktar użu minn sorsi alternattivi. Dan jista' jinkludi li tiġi żgurata iktar koerenza bejn it-taxxa ambjentali u l-objettivi ta' diversifikazzjoni tal-ekonomija.

(9) Għal għexieren ta' snin, l-awtoritajiet tal-Lussemburgu raw kif għamlu biex jiddiversifikaw l-ekonomija, filwaqt li rrikonoxxew ir-riskji marbuta ma' dipendenza qawwija fuq is-settur finanzjarju. It-tnaqqis tad-dipendenza tal-ekonomija fuq is-settur finanzjarju jibqa' sfida ċentrali fuq perijodu ta' żmien twil. Biex dan jiġi indirizzat, l-analiżi tad-diversifikazzjoni trid tissarraf f'miżuri speċifiċi bi skeda ta' żmien definita b'mod ċar. Meta wieħed iqis il-livell għoli tal-kosti lavorattivi, l-attivitajiet b'valur miżjud ogħla joffru l-potenzjal li jiżblokkaw is-sorsi alternattivi ta' tkabbir. Għalhekk, id-diversifikazzjoni b'suċċess tal-ekonomija tal-Lussemburgu tiddependi ħafna fuq is-setturi li huma anqas sensittivi għal-livelli tal-kostijiet lavorattivi. Fil-biċċa l-kbira, dawn huma bbażati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li hemm tendenza li jippreżentaw intensità ogħla ta' teknoloġija u ta' għarfien. It-tnaqqis jew it-tneħħija ta' ostakli għall-investiment u l-innovazzjoni li jillimitaw l-iżvilupp ekonomiku, tiżblokka l-potenzjal innovattiv u tgħin fid-diversifikazzjoni. Filwaqt li l-investiment pubbliku huwa ogħla mill-medja fiż-żona tal-euro, l-investiment privat mhuwiex jagħti rendiment tajjeb. Huwa essenzjali, biex jinżammu l-prospetti tat-tkabbir, li jiġi sostnut livell għoli ta' investiment.

(10) L-espansjoni ulterjuri tas-settur tas-servizzi mhux finanzjarji, li diġà huwa wieħed ta' suċċess, tista' wkoll tgħin biex l-ekonomija tiġi diversifikata. Għad hemm ostakli regolatorji kbar fis-settur tas-servizzi għan-negozji, b'mod partikolari għall-kontabilisti, il-periti, l-inġiniera u l-avukati. Għal dawn il-professjonijiet kollha, ir-rata ta' rotazzjoni fin-negozju hija inqas kemm mill-medja tal-Unjoni kif ukoll mir-rata medja għall-ekonomija ġenerali. Għalhekk, ir-restrizzjonijiet fuq dawn il-professjonijiet jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kompetittività tan-negozji fil-Lussemburgu. Dawn l-ostakli jinkludu l-ambitu wiesa' tal-attivitajiet riżervati għall-periti; ir-riżervar ta' kompiti sempliċi bħall-attivitajiet ta' ħruġ ta' pagi jew it-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa għal professjonisti kwalifikati ħafna; ir-riżervar tal-għoti ta' pariri legali għall-avukati; u r-rekwiżiti marbutin mal-forma legali u l-parteċipazzjoni azzjonarja, ir-regoli dwar l-inkompatibbiltà u r-restrizzjonijiet multidixxiplinari għall-avukati li jistgħu jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-prinċipji ewlenin, bħalma huma l-indipendenza tal-professjoni, u mal-arranġamenti superviżorji korrispondenti.

(11) Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati u l-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari għall-ħaddiema aktar avvanzati fl-età, li r-rati ta' impjieg tagħhom għadhom fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, huma meħtieġa biex jiġu evitati impatti negattivi. Ġew adottati miżuri biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom u l-involviment tagħhom fis-suq tax-xogħol. Il-liġi dwar ir-riklassifikazzjoni tal-ħaddiema b'diżabbiltajiet li jaffetwawhom fuq ix-xogħol ġiet implimentata fl-1 ta' Jannar 2016 u żiedet il-possibbiltajiet biex dawn il-ħaddiema jibqgħu għal żmien itwal fis-suq tax-xogħol. Madankollu, għad trid tiġi ppreżentata strateġija komprensiva b'segwitu għal konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali. Il-"patt tal-età", abbozz ta' liġi ppreżentat lill-Parlament f'April 2014, li għandu l-għan li jħeġġeġ lill-kumpaniji b'aktar minn 150 impjegat biex iżommu l-ħaddiema aktar avvanzati fl-età, għadu ma ġiex adottat. L-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet permezz ta' politiki mmirati lejn is-suq tax-xogħol attiv u t-tagħlim tul il-ħajja li jappoġġaw lill-ħaddiema aktar avvanzati fl-età ser jibqgħu importanti għas-suċċess ta' dawn il-politiki. L-investiment fil-ħiliet huwa kruċjali biex jinħasdu l-benefiċċji sħaħ tad-diġitalizzazzjoni u biex tinżamm il-kompetittività.

(12) Ġie promulgat pakkett sostanzjali ta' miżuri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' provvista ta' proprjetà immobbli, iżda l-impatt reali tiegħu għadu ma jinħassx. In-nuqqas ta' kapaċità ta' aċċess għall-artijiet disponibbli għall-bini, li fil-parti l-kbira tagħhom huma proprjetà ta' individwi privati, jidher li hu wieħed mill-ostakli ewlenin biex tiżdied il-provvista tad-djar. Il-provvista limitata tad-djar flimkien mad-domanda qawwija wasslet għal żieda kostanti fil-prezzijiet tad-djar. Dan jikkontribwixxi biex tiġi spjegata x-xejra lejn żieda fil-pożizzjoni ta' dejn tal-unitajiet domestiċi, li fil-biċċa l-kbira hi marbuta mal-ipoteki. Barra minn hekk, minkejja l-investiment sostanzjali fl-infrastruttura tat-trasport, l-indirizzar tal-konġestjoni tat-traffiku tibqa' sfida diffiċli. Iktar u iktar meta l-prattiki moderni tax-xogħol, bħal pereżempju x-xogħol mid-dar (teleworking), huma skoraġġuti fil-każ ta' ħaddiema transfruntieri mill-politiki fiskali fil-pajjiżi ġirien. Kemm l-isfidi marbutin mas-settur tad-djar kif ukoll mal-mobbiltà x'aktarx li jagħmlu aktar pressjoni fuq l-isforzi biex l-ekonomija tiġi diversifikata u biex tiżdied il-kompetittività. Dawn jistgħu jaġixxu wkoll bħala ostakli fl-attirar tal-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet lejn is-suq tax-xogħol.

(13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Lussemburgu u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Lussemburgu fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Lussemburgu iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.

(14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, u huwa tal-opinjoni[5] li l-Lussemburgu mistenni jikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

[5] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Isaħħaħ id-diversifikazzjoni tal-ekonomija, inkluż billi jneħħi l-ostakli għall-investiment u l-innovazzjoni. Ineħħi r-restrizzjonijiet regolatorji fis-settur tas-servizzi tan-negozju.

2. Jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, jillimita l-irtirar bikri u jżid ir-rata ta' impjieg tal-persuni aktar avvanzati fl-età.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*